



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, id-19 ta' Novembru 2020

### Jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea żżid il-proċedimenti tal-antitrust u l-kontroll tal-fużjonijiet biex tiegħu kont ta' dinja aktar globalizzata

Il-Kummissjoni Ewropea, l-inforzatur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, b'mod ġenerali għamlet użu tajjeb mis-setgħat tagħha fil-proċedimenti tal-antitrust u tal-kontroll tal-fużjonijiet, u indirizzat it-tfassib dwar il-kompetizzjoni bid-deċiżjonijiet tagħha. Madankollu, skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), ippubblikat illum, hija għadha ma indirizzatx għalkollox l-isfidi ġodda u kumplessi tal-infurzar fis-swieq diġitali, l-ammont dejjem jiżdied ta' *data* li trid tiġi analizzata jew il-limitazzjonijiet tal-ġhodod ta' infurzar eżistenti. L-awdituri sabu wkoll illi l-Kummissjoni għandha kapaċità limitata biex timmonitorja s-swieq, tidentifika b'mod proattiv ksur tal-antitrust u tivverifika l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar il-fużjonijiet.

Ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE għandhom l-għan li jipprevienu l-kumpaniji milli jinvolvu ruħhom fi prattiki antikompetittivi bħal pereżempju kartelli sigrieti, jew jabbużaw minn pożizzjoni dominanti. Il-Kummissjoni tista' timponi multi fuq il-kumpaniji li jiksru dawn ir-regoli. Fl-aħħar 10 snin, l-infurzar tal-kompetizzjoni seħ fil-kuntest ta' tibdil sinifikanti fid-dinamika tas-suk minħabba t-tfaċċar tas-swieq diġitali, il-big data u l-algoritmi għall-iffissar tal-prezzijiet. L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni kinitx infurzat kif xieraq ir-regoli fir-rigward tal-kontroll tal-fużjonijiet u l-proċedimenti tal-antitrust. Huma vvalutaw kemm il-Kummissjoni kienet effettiva fl-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur, u kemm kienet ikkooperat tajjeb mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs).

*"F'dan l-aħħar deċennju, il-Kummissjoni kienet qed tuża s-setgħat tagħha fil-kontroll tal-fużjonijiet u l-proċedimenti tal-antitrust b'mod effettiv," qal Alex Brenninkmeijer, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. "Iżda issa jeħtieġ li żżid is-sorveljanza tas-swieq biex tiegħu kont ta' dinja aktar globalizzata u diġitali Jeħtieġ li ttejjeb il-kapaċità tagħha fl-identifikazzjoni b'mod proattiv tal-ksur u tagħżel l-investigazzjonijiet tagħha b'mod ġudizzjuż. Flimkien ma'*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

*kooperazzjoni aktar b'saħħitha mill-NCAs, dan se jwassal għal infurzar aħjar tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE, li jipproteġi lin-negozji u lill-konsumaturi"*

L-awdituri sabu li l-livell ta' riżorsi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni biex timmonitorja s-swieq għal problemi potenzjali u għall-identifikazzjoni proprja tal-każijiet ta' antitrust, li hija twettaq flimkien ma' rispons għal ilmenti esterni – kien relattivament limitat. L-inkjesti settorjali jirrikjedu ammont intensiv ta' riżorsi: pereżempju, l-inkjesta tal-Kummissjoni fl-2015 dwar il-kummerċ elettroniku kienet teħtieġ tim ta' 15-il persuna full time fuq medda ta' sentejn. L-awdituri osservaw li l-għadd ta' każijiet ta' inizjattiva proprja kien naqas mill-2015 ' il hawn. Tnaqqis simili affettwa wkoll il-programm ta' klemenza għal kumpaniji li b'mod volontarju jipprovdu informazzjoni privileġġjata dwar prattiki antikompetittivi bi skambju għal immunità jew multi ridotti. Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi wkoll liema każijiet għandhom jingħataw prijorità fil-investigazzjonijiet tagħha. Hija għamlet dan abbażi ta' kriterji li ma ġewx ponderati b'mod ċar biex tiġi żgurata l-għażla ta' każijiet bl-ogħla riskju. Fil-qasam tal-kontroll tal-fużjonijiet, il-Kummissjoni tiffaċċja aktar sfidi: l-ammont ta' *data* li trid tiġi vverifikata dejjem jiżdied, kif ukoll l-għadd ta' fużjonijiet li jridu jiġu analizzati. Il-Kummissjoni diġà ssimplifikat, sa ċertu punt, il-proċeduri tagħha għal xi fużjonijiet anqas riskjużi, iżda jeħtieġ li tkompli fuq dak ix-xogħol ta' simplifikazzjoni. L-awdituri sabu wkoll illi xi tranżazzjonijiet sinifikanti ma kinux jaqgħu taħt l-iskrutinju tal-Kummissjoni minħabba li l-kumpaniji ma kellhomx għalfejn jinnotifikawhom lill-Kummissjoni skont is-sollijiet tal-fatturat stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjonijiet kollha dwar il-fużjonijiet sal-iskadenzi legali, iżda l-proċedimenti tal-antitrust tagħha għadhom twal (sa massimu ta' tmien snin). Dan jista' jnaqqas l-effettività tad-deċiżjonijiet ta' infurzar tagħha. Dan huwa partikolarment minnu fi swieq diġitali li jevolvu malajr, fejn il-Kummissjoni trid tlaħħaq ma' investigazzjonijiet kumplessi. Sadanittant, l-għodod legali għad-dispożizzjoni tagħha jistgħu ma jkunux għadhom kompletament adegwati biex jitrattaw dawn it-tipi ġodda ta' problemi tal-kompetizzjoni. L-awdituri osservaw ukoll li l-Kummissjoni kienet imponiet multi li kisru kull rekord fuq il-kumpaniji, iżda qatt ma kienet evalwat l-effett ta' deterrent tagħhom.

B'mod ġenerali l-Kummissjoni kkooperat tajjeb mal-NCAs, iżda f'it li xejn kienet taf dwar il-prijoritajiet ta' infurzar proprji tal-NCAs. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni u l-NCAs ma kkoordinawx mill-qrib il-monitoraġġ tas-swieq tagħhom, u l-każijiet rarament kienu jiġu allokatu mill-ġdid mill-NCAs lill-Kummissjoni. Mekkaniżmu ta' twissija bikrija huwa intenzjonat biex jottimizza l-allokkazzjoni tal-każijiet u biex jipprevieni ħafna NCAs milli jkollhom bżonn jeżaminaw istanzi simili ta' mgħiba mill-istess kumpanija, iżda l-NCAs ma użawhx b'mod estensiv. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma evalwatx l-effettività tad-deċiżjonijiet tagħha fuq bażi regolari, għalkemm dan kieku kien jgħin it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha u l-allokkazzjoni tar-riżorsi fil-ġejjieni.

L-awdituri jagħmlu rakkomandazzjonijiet bil-għan li titjeb il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tidentifika ksur b'mod proattiv, biex trendi l-infurzar tal-kompetizzjoni tagħha aktar effettiv, biex tikkoordina aħjar mal-NCAs permezz tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni, u tirrapporta aħjar fuq il-prestazzjoni proprja tagħha.

### **Informazzjoni ġenerali**

Il-Kummissjoni tista' tipprojbixxi ftehimiet antikompetittivi bejn kumpaniji u abbużi minn pożizzjoni dominanti ("proċedimenti tal-antitrust"), u tirrieżamina konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' kumpaniji biex tiddetermina l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE

(“kontroll tal-fużjonijiet”). Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-NCAs jistgħu jinfurzaw direttament ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE f’każijiet ta’ antitrust li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Kull sena, il-Kummissjoni teżamina madwar 300 notifika ta’ fużjoni u xi 200 każ ta’ antitrust. Mill-2010 sal-2019, hija imponiet multi li ammontaw għal EUR 28.5 biljun minħabba ksur. Minħabba riżorsi limitati, mill-2005 ’ l hawn hija wettqet biss erba’ inkjesti settorjali fuq inizjattiva proprja tagħha, li għenu biex jiġu identifikati każijiet ta’ ksur.

L-awdituri eżaminaw kampjun ibbażat fuq ir-riskju ta’ 50 każ ta’ antitrust u fużjonijiet proposti immedija bejn l-2010 u l-2017, kif ukoll kampjun ta’ notifikati ta’ investigazzjonijiet tal-antitrust imwettqa mill-NCAs. Huma żaru l-NCAs tal-Bulgarija, Franza, in-Netherlands u l-Polonja.

Ir-Rapport Speċjali tal-QEA Nru 24/2020, “Il-kontroll tal-fużjonijiet fl-UE u l-proċedimenti tal-antitrust tal-Kummissjoni: jeħtieġ li tiżdied is-sorveljanza tas-swieq”, huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu). Reċentement il-QEA ppubblikat rapporti dwar [il-kontroll tal-għajjuna mill-Istat](#) u dwar [l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ](#).

**Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport speċjali**

Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) T: (+352) 4398 45510 / M: (+352) 621 552 224